MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2012

Numru. 520/2008

**-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**Vs**

**George Debono ta' 39 sena bin Francis u Josephine nee' Mifsud, imwieled il-Pieta nhar il-10.05.1973 u residenti no.7 Triq il-Belt Valletta, Qormi, detentur tal-karta ta'l-identita' 260273(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Debono li gie akkuzat talli fil-Gharghur fis-17 ta' Dicembru 2005 ghall-habta tad-9:15am flimkien ma' persuna ohra ikkometta serq mill-fond 18, Triq Kromb il-Bahar, Gharghur, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok, bil-mezz u bil-valur li jiskorri 2329.37 euro u dan sar ghad-detriment ta' Carmela Fenech u/jew persuni ohra;

U talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorriex 116.47 euro u li saret ghad-detriment ta'l-imsemmija Carmela Fenech u/jew persuni ohra;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-artikoli tal-ligi indikati fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-10 ta' Dicembru 2008.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi huwa ma kellux oggezzjoni sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet il-provi;

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat akkuzat bir-reati tas-serq aggravat u tal-hsarat volontarji li huma abbinati ma'l-istess serqa. Dawn l-akkuzi huma riflessi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-10 ta' Dicembru 2008.[1] Illi l-Prosekuzjoni qieghda tibbaza l-akkuzi taghha b'mod ewlieni fuq ix-xhieda tal-allegat komplici Alfred Scicluna fil-kummissjoni ta' dana ir-reat. Inoltre l-allegati vittma ukoll jikkontendu illi huma gharrfu lill-imputat bhala wiehed mill-malviventi illi kienu involuti f'dina s-serqa.

Illi dana r-reat jirrisali ghas-17 ta' Dicembru tas-sena 2005. Carmela Fenech, wahda mill-vittmi ta' dana ir-reat irritornat lejn darha gewwa Triq Kromb Il-Bahar, il-Gharghur ghal habta atd-9:30 ta' fil-ghodu meta sabet il-bieb ta' barra mibrux. Malli dahhlet gewwa innotat taqlib shih, hwejjeg fl-art u affarijiet ohra maqlughin u lemhet zewg irgiel. Hija bdiet tghajjat ghall-ghajjut u dawn l-irgiel imbuttawha u telqu jigru 'il barra. Dak il-hin in-neputi taghha certu Albert Fenech li inzerta fil-vicinanzi ra lil

[1] Ara nota ta' rinviju a fol.85

dawn l-irgiel jigru u telaq jigri ghal warajhom. Il-persuna li kienet qed tigri fuq wara rema' turnavit u Fenech gabbru. F'dak il-hin ukoll inzerta ghaddej missier Albert certu Bernard Fenech li mar jassisti lil ibnu u irnexxielhom jaqqbdu wiehed mill-malviventi li kien certu Alfred Scicluna. Scicluna gie arrestat mill-pulizija u interrogat fejn huwa ammetta l-involviment tieghu f'dina s-serqa u indika lill-komplici tieghu bhala certu George Debono li huwa l-imputat odjern.

Alfred Scicluna tressaq il-Qorti fejn ammetta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u gie issentenzjat, liema sentenza giet ukoll ikkonfermata mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali.

Illi f'dina is-serqa insterqu diversi oggetti tad-deheb li skond Carmela Fenech il-valur taghhom jammonta ghal iktar minn elf lira Maltin (Lm1000). Illi fil-proces verbal esebiet bhala Dokument JM u senjatament fir-rapport ta'l-espert tekniku Emanuel Camilleri giet esebieta mill-parti leza lista tad-deheb li insteraq li jammontaw ghal valur ta' Lm1230[2]. Fost dawn l-affarijiet kien hemm déheb antik, crieket, cappetti, imsielet, gizirani fost ohrajn. Fenech tikkonferma madanakollu illi hsara fil-proprjeta taghha ma kellhiex. Hija baqget ma irkuprat xejn mid-deheb li kien insterqielha.

Illi ghalhekk f'dina l-kawza l-Qorti trid qabel xejn tqies l-ammissibilita tal-provi li hemm fil-konfront ta'l-imputat u jekk ammissibbli, x'piz ghandhom jinghataw dawn il-provi billi kif diga inghad l-unici provi li ressqet il-Prosekuzjoni li jistghu jitfghu xi htija fuq l-imputat huma x-xhieda tal-komplici Anthony Scicluna u l-identifikazzjoni maghmula mill-parti leza ta'l-imputat bhala wiehed mill-malviventi involut fis-serqa mertu ta' dina l-kawza.

**<u>Ix-xhieda tal-komplici</u>**:

Illi l-artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi:

[2] Ara Dokument CF2. a fol.48 tal-process verbal

**"Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi proċess li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna kompliċi, il-Qorti għandha tagħti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jagħti b'kawtela qabel ma jserrħu fuqha u jaslu biex isibu ħati lill-akkuzat."**

Madanakollu x-xhieda ta'l-isess komplici, jekk emnuta minn min irid jiggudika, hija bizzejjed sabiex twassal ghal dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-persuna akkuzata.

Illi fil-kawza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et** (App.Krim. 31/07/1998 gie deciz:

**"Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici, kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor <u>sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz.</u> Dana il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza ta'l-akkuzat l-iehor – b'mod li jiun hemm ko-akkuzat fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding:**

***Maltese law, in fact, section 632, Chapter 12* (illum 636, Kap.9), *considers as incompetent to give evidence (except, of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to ....* (P vs Alfred W. Luck et App.Krim 25/04/1949)**.[3]

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-process kriminali il-konfront ta' Alfred Scicluna illum ghadda in gudikat wara sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali u kwindi l-istess Scicluna jitqies illi huwa xhud kompetenti ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Il-Qorti madanakollu trid

[3] Ara ukoll App.Krim. Il-Pulizija vs *omissis* Jeremy Farrugia deciza fit-23 ta' Mejju 2001 (per Prim'Imhallef Vincent Degaetano)

twiezen ix-xhieda tieghu sew, tenut kont tal-fatt illi meta l-imputat jixhed quddiem il-Qorti huwa jichad kategorikament l-involviment tieghu f'dina is-serqa u ighid illi Scicluna indika lilu bhala l-komplici tieghu sabiex ipattihielu.

Alfred Scicluna jixhed mhux inqas minn tlett darbiet f'dina l-kawza. Meta jixhed fl-ezami huwa jikkonferma bil-gurament tieghu l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija *a tempo vergine*. Scicluna isostni illi hu kien ftiehem mal-imputat sabiex jaghmlu dina s-serqa. Ighid illi lil-imputat kien jafu ghaliex kienu imorru jiehdu il-methadone flimkien gewwa id-Detox Centre. Kienu marru fuq il-post gurnata qabel u osservaw ir-residenza in kwistjoni.  L-ghada regghu marru, raw il-mara anzjana li kienet toqghod f'dana il-post hierga mid-dar. Scicluna mar jipparkeggja l-vettura tieghu u ha turnavit mieghu. Dana it-turnavit uzah sabiex sgassa il-bieb ta' barra sabiex b'hekk it-tnejn kisbu access ghar-residenza. Jikkonferma illi minn gewwa dina ir-residenza huma hadu xi oggetti tad-deheb. Izda f'hin minnhom dahhlet mara fuqhom din bdiet tghajjat u ghalhekk telqu jigru 'il barra. Ighid illi l-imputat hareg jigri qabblu. Meta harrgu minn hemm osserva li kien hemm ragel jigri warajhom u ghalhekk rema it-turnavit minn idejh. L-imputat baqa' jigri 'il quddiem, izda beda jinqatalu nifsu, waqa' xi darbtejn mal-art biex b'hekk ir-ragel li kien qed jigri warajh irnexxielu jaqqbdu. Ghalkemm huwa beda ighajjat lill-imputat sabiex ighinu, dana xortawahda baqa' jigri ghalkemm kienu fthiemu qabel illi kellhom ighinu lil xulxin fl-eventwalita li jigri xi haga. Minn hawn ighid li gew il-pulizija imbaghad u arrestawh.[4]

Illi meta jerga jixhed fis-seduta tat-2 ta' Dicembru 2009 u meta imbaghad jixhed in kontro-ezami, Scicluna jibqa' jinsisti illi kien l-imputat li dak in-nhar tas-serqa kien qieghed mieghu. Huwa jibqa' jafferma l-istess verzjoni tal-fatti kif mistqarr minnu *a tempo vergine* u cioe' f'Dicembru 2005. Fl-ebda hin ma ibiddel jew jitfixkel jew izid xi haga ohra li ma kienx semma qabel.[5]

---

[4] Ara xhieda ta' Alfred Scicluna a fol.16 u stqarrija Dokument GD1 a fol.16 et. seq.
[5] Ara xhied ain kontro-ezami ta' Alfred Scicluna a fol.118

Illi l-imputat jirrilaxxja zewg stqarrijiet, wahda meta jigi arrestat *a tempo vergine* u cioe' fid-19 ta' Dicembru 2005 u ohra tlett snin wara fid-19 ta' Gunju 2008.[6] F'dawn iz-zewg stqarrijiet l-imputat jaghzel li ma iwegibx ghall-ebda domanda li issirlu. Izda imbaghad fis-seduta tas-26 ta' Ottubru 2011, huwa jaghzel li jiehu il-pedana tax-xhieda sabiex jirrakkonta l-verzjoni tieghu.[7] L-imputat jikkonferma illi fil-jum in kwistjoni huwa kien fil-kumpanija ta' Alfred Scicluna u mar mieghu sabiex jiehu il-methadone gewwa ic-Centru tad-Detox, izda jichad illi imbaghad huwa kien mieghu meta saret is-serqa. Ighid ukoll illi Scicluna kien staqsieh sabiex jakkompanjah f'dina s-serqa, izda isostni illi huwa ma accettax. Isostni illi Scicluna kien implika lilu f'dina is-serqa peress illi ried ipattihielu minhabba l-fatt li ma kienx hallsu ghal xi droga li kien xtara minn ghandu. L-imputat ighid illi huwa kellu jaghti lil Scicluna madwar Lm5000. Fil-fatt isostni illi Scicluna riedu imur mieghu sabiex jisraq u b'hekk jaghtih xi haga mill-ammont li kellu jaghtih.

Illi mill-ewwel l-Qorti tistqarr illi ma temmen xejn dina l-verzjoni moghtija mill-imputat 'il fuq minn sitt snin wara li sehhet is-serqa. Il-verzjoni ta' Scicluna hija wahda konsistenti u kredibbli, verzjoni illi huwa jibqa' isostni wara hafna snin minghajr ma jitfixkel jew ibiddel xi dettalji minnha. Il-Qorti ma tarax raguni 'il ghala Scicluna kellu jimplika lill-imputat f'dina is-serqa jekk dana ma kienx minnu. Ir-raguni li jaghti l-imputat ma hijiex wahda b'sahhitha. Fil-fatt huwa ighid illi Scicluna riedu imur mieghu sabiex jigbru xi haga li permezz taghha setghu isostnu il-vizzju taghhom tad-droga. Din hija l-verita u xejn izjed. Jidher illi Scicluna u l-imputat kellhom problema serja ta' droga. Kienu jakkompanjaw lil xulxin meta kienu imorru sabiex jiehdu il-mistura gewwa ic-Centru tad-Detox. Kienu ftiehmu illi jaghmlu serqa sabiex ikollhom il-flus biex ikunu jistghu jakkwistaw id-droga. Din hija l-verita u mhux dik li jipprova ipingi l-imputat sitt snin wara. Illi

---

[6] Ara Dokumenti AP3 u AP4 a fols.66 u 68 rispettivament
[7] Ara ix-xhieda ta'l-imputat a fol.165 et.seq.

dana kollu huwa ukoll issostanzjat mill-identifikazzjoni li issir minn Carmela Fenech, l-vittma ta' dana ir-reat.

**<u>L-identifikazzjoni ta'l-imputat</u>**.

Illi d-difiza tikkontendi illi l-identifikazzjoni maghmula minn Carmela Fenech hija wahda fjakka tant illi Albert Fenech li mar jigri wara il-malviventi lill-imputat ma igharrfux u missieru Bernard Fenech jahseb illi wiehed minnhom kien l-imputat.

Illi f'kawza *R vs Turnbull* fl-Ingilterra, gew imfassla ir-regoli li ghandhom jigu segwiti meta issir identifikazzjoni tal-persuna ta'l-akkuzat, li ghalkemm dawn ir-regoli ma jikkostitwixxu l-ebda regola taht il-ligi Maltija, madanakollu huma linji gwida meta ikun hemm l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata. Illi dana gie ukoll sottolinjat f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Stephen Zammit (deciza 16 ta' Lulju 1998) fejn il-Qorti tat esposizzjoni tar-regoli Turnbull fid-decizjoni taghha:

**"*First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.***

***Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation***

***impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.***

***Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.***

***All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger*****.**

Illi Bernard Fenech isostni illi ra ragel jigri ‘il barra mir-residenza ta’ ohtu li jahseb li kien l-imputat. Albert Fenech imbaghad isostni illi lil dina it-tieni persuna bil-kemm rah ghaddej ghax harab jigri izda jaghti deskrizzjoni tieghu bhala bniedem mhux mibni, pjuttost qasir u kellu x-xaghar. Carmela Fenech, izda li giet wicc’imb wicc mal-hallelin, isostni illi lill-imputat qieghda tgharrfu bhala wiehed mill-irgiel li kien ghandha d-dar dak in-nhar tas-serqa. In kontro-ezami l-istess Fenech tibqa issostni illi l-imputat kien wiehed mill-malviventi li qabbdet gewwa darha.

Tghid illi l-malviventi ma kenux mghammdin u ghalhekk hija giet wicc'imb wicc maghhom meta harrbu jigru mid-dar taghha. Il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex dubbju illi Carmela Fenech kienet f'posizzjoni tidentifika lill-malviventi li dahhlu gewwa darha billi dawn harrgu jigru minn quddiemha stess u fil-fatt gew wicc'imb wicc maghha. Jidher anke mix-xhieda li taghti quddiem il-Qorti diversi snin wara, illi x-xena li rat quddiem ghajnejha dak in-nhar tas-serqa ghadha stampata f'mohha u tirrakonta bil-precis dak illi sehh u dak illi rat. Dina l-verzjoni taqbel perfettament ma' dik li taghti lill-espert nominat fl-inkjesta Emanuel Camilleri *a tempo vergine*. Illi dana abbinat max-xhieda ta' Alfred Scicluna iwassal lil dina l-Qorti ghac-certezza morali illi kien l-imputat l-malvivent l-iehor li kien involut fis-serqa mertu ta' dina l-kawza flimkien ma' Alfred Scicluna.

Illi dwar l-akkuza tal-hsara volontarja dina ma gietx ippruvata billi anke il-parti leza stess fix-xhieda taghha issostni illi apparti it-taqlib li kien hemm fir-residenza taghha, hija ma sofriet l-ebda danni. Kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni is-*social enquiry report* imhejji mill-Probation Officer Mary Rose Farrugia u ix-xhieda moghtija mill-istess Ufficjal tal-Probation quddiem il-Qorti. Ma hemmx dubbju illi l-imputat ghamel snin twal vittma tal-vizzju ta'l-abbuz tad-droga. Dana il-vizzju wassal sabiex l-imputat ikkometta diversi reati u dana sabiex ikun jista' isostni l-vizzju tieghu. Madanakollu jidher illi l-imputat illum ha il-kura li kellu bzonn u qieghed fuq it-triq tar-rijabilitazzjoni. Jidher illi ilu ma jabbuza mid-droga mis-sena 2010 u ghalkemm ghadu ma ghaddiex bizzejjed zmien sabiex dina l-Qorti tkun tista' isserah rasha illi l-imputat biddel hajjtu madanakollu billi sar progress kbir, ma hux lok illi l-imputat jigi inkarcerat sabiex dak li sa issa irnexxielu jibni, jiggarraf.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(b)(c)(e), 263(a), 267, 269(g), 278(3), 279(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni

akkuza migjuba fil-konfront tieghu, issibu hati ta'l-ewwel, tikkundannah ghal perijodu ta' sena u nofs prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Inoltre wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna il-hrug ta' Ordni ta' Supervizjoni fil-konfront tieghu taht is-sorveljanza ta'l-Ufficjal tal-Probation MaryRose Farrugia u dana ghal perijodu ta' erba' snin mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza jew jekk huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu illum.

Inoltre l-Qorti, wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tordna lil hati ihallas lill-parti leza Carmela Fenech is-somma ta' elf u erba' mitt ewro (€1400) u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lil hati ihallas lir-Registratur tal-Qorti sehmu mill-ispejjez inkorsi in konnessjoni man-nomina ta'l-esperti, fl-ammont ta' €184 u dana fi zmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------